II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL EWROPEW
## tat-22 ta' Mejju 2013
## dwar in-numru ta' membri tal-Kummissjoni Ewropea

(2013/272/UE)

IL-KUNSILL EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabblixxi l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 17(5) tiegħu,

Billi,

(1) Fil-laqgħat tiegħu tal-11-12 ta' Diċembru 2008 u t-18-19 ta' Ġunju 2009, il-Kunsill Ewropew innota t-tħassib tal-poplu Irlandiż rigward it-Trattat ta' Lisbona u għal-hekk qabel li, dment li t-Trattat ta' Lisbona jidħol fis-seħħ, tittieħed deċiżjoni, f'konformità mal-proċeduri legali meħtieġa, sabiex il-Kummissjoni tkompli tinkludi ċittadin wieħed minn kull Stat Membru.

(2) Id-deċiżjoni dwar in-numru ta' membri tal-Kummissjoni għandha tiġi adottata fi żmien debitu qabel il-ħatra tal-Kummissjoni li għandha tibda bid-dmirijiet tagħha fil-1 ta' Novembru 2014.

(3) L-implikazzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni għandhom jinżammu taħt analiżi,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Kummissjoni għandha tikkonsisti minn numru ta' membri, inkluż il-President u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, ugwali għan-numru ta' Stati Membri.

*Artikolu 2*

Il-Kunsill Ewropew għandu janalizza din id-Deċiżjoni, fid-dawl tal-effett tagħha fuq il-funzjonament tal-Kummissjoni, fi żmien adegwat qabel il-ħatra tal-ewwel Kummissjoni wara d-data tal-adeżjoni tat-tletin Stat Membru jew il-ħatra tal-Kummissjoni li għandha tieħu post dik li għandha tibda d-dmirijiet tagħha fil-1 ta' Novembru 2014, skont liema tiġi l-ewwel.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Novembru 2014.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Mejju 2013.

*Għall-Kunsill Ewropew*
*Il-President*
H. VAN ROMPUY